# Il-Granmastru Anton Manuel de Vilhena



Il-Gran Mastru Fra Anton Manuel de Vilhena kien it-23 Granmastru ta' Malta. Huwa kien Portugiż u dam fuq it-tron ta' Malta għal 14-il sena. Kien magħżul Granmastru nhar id-19 ta' Ġunju 1722 u dam Granmastru sal-mewt fis-sena 1736. Vilhena huwa meqjus bħala wieħed mill-Granmastri li wettaq ħafna ġid matul ir-renju tiegħu. Kien wieħed minn dawk il-Granmastri li daħħal idu f'butu biex iwettaq ċerti proġetti li Malta kienet ser tgawdi minnhom.

Vilhena jibqa' mfakkar għall-proġetti ta' rikostruzzjoni ta' ħafna bini pubbliku li kien iġġarraf bit-terremot tal-1693 speċjalment ġewwa l-Imdina bħall-Banka Guratale u l-bieb prinċipali ta' din il-Belt antika. Fl-Imdina huwa bena wkoll il-Palazz Maġisterjali dak li llum insejħulu l-Palazz Vilhena fejn insibu l-mużew tal-istorja naturali. Huwa bena wkoll il-fortizza sabiħa li nsibu fuq il-gżira f'nofs il-port ta' Marsamxett li ġġib ismu l-Forti Manoel, Din il-fortizza kienet bżonnjuża biex tkompli ssaħħah id-difiża tal-Belt Valletta. Fil-Birgu naraw ukoll li fi żmienu ssewwew is-swar u nbena bieb ġdid li jagħti għall-qalba tal-Birgu. Dan il-Granmastru bena wkoll it-Teatru Manoel li fih tispikka l-eleganza barokka. Sal-lum dan huwa l-eqdem teatru fl-Ewropa li għadu fl-istat oriġinali tiegħu.

Ħolma li kellu l-Granmastru Vilhena kienet li l-ispazju bejn is-swar tal-Belt Valletta u Bieb il-Bombi jinbidlu f'subborg li jissemma Borgo Vilhena. Din ix-xewqa tal-Granmastru seħħet u l-bini beda tiela' ġmielu u f'qasir żmien dan is-subborg kien ġie ppopolat. Imma dak li xtaq il-Granmastru fuq l-isem li ngħata s-subborg ma kienx dak li xtaq u minflok Borgo Vilhena l-poplu beda

jsejjaħlu Floriana, għall-arkitett li bena s-swar li jdawru dan il-post stess.

Dan il-Granmastru rabat ismu mar-raħal tagħna meta fl-1730 bena palazz f'Santa Venera, propju fi Triq il-Kbira. Dan il-palazz jissejjaħ Palazzo Vilhena imma n-nies iktar tafu bħala d-Dar tal-Iljuni. Din tissejjaħ hekk għax fuq il-faċċata tagħha naraw erba' ljuni li qegħdin iżommu l-istemma tal-Granmastru. Dan il-palazz inbena f'dan il-post biex il-Granmastru jkun jista' joqgħod għall-villeġjatura tiegħu f'palazz viċin il-Belt Valletta. Vilhena ma riedx li jitla' fil-palazz tal-Verdala għax dan kien imbiegħed wisq mill-Belt. Il-palazz li bena Vilhena f'Santa Venera huwa palazz ta' daqs mudest imma eleganti ħafna jixhed il-perjodu Barokk li nbena fih. Madwar dan il-palazz il-Granmastru bena ġonna kbar u sbieħ u fihom ħawwel ħafna siġar tal-frott. Ma' dan il-ġnien bena żewġ ġonna oħra li wieħed semmieh Ta' Santa Veneranda u l-ieħor semmieh Tal-Ħamri. Mill-bejgħ tal-frott ta' dawn il-ġonna kienet issir il-manutenzjoni tal-Forti Manoel.

Ħaġa oħra li rabtet lil dan il-Granmastru mar-raħal tagħna kien il-fatt li għall-ħtiġijiet spiritwali tiegħu il-Granmastru kien jinqeda fil-Knisja l-Qadima ta' Santa Venera u għalhekk kien saħansitra onora l-artal tal-knisja bi privileġġ speċjali. Dan il-Granmastru miet fit-12 ta' Diċembru 1736 fil-għomor ta' 76 sena.

